**4 ta' Diċembru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (His.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Albert Portelli

*versus*

Dr. Riccardo Farrugia

**Oġġetti - Konsenja ta' - Prova ta' - Obbligu ta' Restituzzjoni - Depożitarju**

*L-attur aġixxa sabiex jintraddu lura oġġetti li allegatament kien ikkonsenja lill-konvenut. L-Ewwel Qorti sabet illi l-attur ma rnexxilux jiskarika l-oneru tal-prova ta' dak li kkonsenja u din il-posizzjoni giet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell.*

Il-Qorti:-

L-attur ipproċeda kontra l-konvenut b'dan l-att taċ-ċitazzjoni:

"F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob li l-konvenut iroddlu xi ħwejjeġ prezzjużi li l-attur kien ikkunsinja lill-konvenut;

Fiċ-ċitazzjoni li biha kien beda din il-kawża l-attur ippremetta li fil-ħamsa ta' Ottubru, elf disa' mija u tmienja u sittin (05/10/1968) hu kien ikkonsenja lill-konvenut kaxxa tal-

landa *mimlija b'ghadd ta' oġġetti prezzjużi elenkati f'riċevuta* maħruġa mill-konvenut lill-attur, mehmuża bħala dokument A; u li kien talab ħafna drabi lill-konvenut biex jagħtih lura din il-kaxxa tal-landa bil-ħwejjeġ prezzjużi fiha, iżda l-konvenut baqa' ma għamel xejn. L-attur għalhekk talab illi din il-Qorti: (1) tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn din il-Qorti huwa jrodd il-kaxxa tal-landa bil-ħwejjeġ prezzjużi elenkati f'dok. A; (2) jekk il-konvenut jonqos, issir il-likwidazzjoni (tal-valur) ta' dawn il-ħwejjeġ, billi jinħatru periti għalhekk; u (3) tikkundanna lill-konvenut iħallas *lill-attur l-ammont hekk likwidat bħala l-valur tal-*ħwejjeġ prezzjużi elenkati f'dok. A; bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittri bonarji tal-ħdax ta' Mejju, elf disa' mija, tnejn u disgħin (11/5/1992), ta' l-ittra uffiċjali tas-sbatax ta' Ġunju, elf disa' mija u tnejn u disgħin (17/06/1992), tal-mandati kawtelatorji ta' qbid, sekwestru u ta' mpediment ta' safar kontra persuna u bl-imgħaxijiet mid-data ta' l-ittra uffiċjali msemmija sad-data tal-ħlas eventwali";

Il-konvenut hekk eċċepixxa:

"Preliminarjament illi ċ-ċitazzjoni hija oskura jekk mhux ukoll nulla għax ma tirriżulta ebda kawżali speċifika kif irid l-artikolu 156 (1) (a) tal-Kap. 12 billi ma jidhirx li l-affermazzjoni li saret kunsinna tista' per se titqies bħala kawżali; (2) illi l-attur irid jipprova t-titolu tiegħu dwar l-oġġetti li qiegħed jitlob li jintraddu lura billi ma jidhirx li dawn l-oġġetti huma tiegħu; (3) illi skond l-artikoli 846 (2) u (3) u 849 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-mandati ta' *qbid u ta' sekwestru għandhom jitħassru billi ma jidhirx li* hemm ġustifikazzjoni għala għandhom ikomplu jseħħu; (4) illi t-talba għall-imgħaxijiet mid-data ta' l-ittra uffiċjali (li qatt ma ġiet notifikata lill-konvenut u għalhekk ma għandux ibati l-ispejjeż tagħha) ma tistax u ma għandhiex tintlaqa' billi ma għandhomx jgħaddu mgħaxijiet fuq kreditu illikwidu; u (5) illi

d-dokument esebit mill-attur mać-ćitazzjoni għandu jiġi sfilzat billi dan id-dokument mhux oriġinali. *Il-konvenut ippreżenta* ukoll *nota ta'* eċċezzjonijiet ulterjuri fejn kompla jeċċepixxi: (1) illi l-oġġetti elenkati fl-irċevuta tal-ħamsa ta' Ottubru, elf disa' mija, tmienja u sittin (05/10/1968) *mhumiex* u qatt ma kienu proprjetà ta' l-attur; u (2) illi dawn l-oġġetti ma kienux ikkunsinnati lill-konvenut bħala *depożitarju iżda biex dawn* jgħaddu għand sidhom";

B'sentenza tas-27 ta' Jannar, 1995, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża hekk:

"Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-konvenut u l-ewwel eċċezzjoni ulterjuri *tiegħu*;

Tilqa' t-talba magħmula fit-tielet eċċezzjoni tal-konvenut u tordna li l-mandati ta' qbid u ta' sekwestru maħruġa kontra l-konvenut fuq talba ta' l-attur għandhom jitħassru hekk kif din is-sentenza ssir *res judicata*;

Ma tqisx il-ħames eċċezzjoni wara li rat ir-rinunzja għaliha mill-konvenut;

Tilqa' t-tieni eċċezzjoni ulterjuri u għalhekk tiċħad it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu; u

Ma tqisx ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenut billi din ma baqgħetx relevanti wara ċ-ċaħda tat-talbiet ta' l-attur;

Taħt iċ-ċirkostanzi l-Qorti mhix tal-fehma li għandha tapplika kontra l-attur id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 846 (4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili";

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza tagħha:

"Il-fatti ta' dan il-każ fil-qosor huma dawn: fil-ħamsa ta' Ottubru, elf disa' mija, tmienja u sittin (05/10/1968), l-attur ikkonsenja lill-konvenut kwantità ta' ħwejjeġ prezzjużi elenkati f'riċevuta (esebita bħala dok. A) maħruġa mill-konvenut. Il-konvenut ma ċaħadx li rċeva dawn l-oġġetti, mhux għax ftakar li tassew irċevihom (għax għall-bidu ma seta' jiftakar xejn dwar dan il-każ) iżda għax għaraf il-firma tiegħu fuq l-irċevuta. Fil-mori tal-kawża, iżda, il-konvenut kompla jfittex dwar il-każ u issa qiegħed jgħid li dawn il-ħwejjeġ l-attur kien taħomlu mhux b'titolu ta' depożitu, kif qed jippretendi l-attur, iżda sabiex il-konvenut jgħaddihom lil sidhom;

Għalhekk il-kwistjoni li hija l-meritu ta' dan il-każ, kif sewwa osserva l-konvenut fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu (fol. 113, para. 1) "hija jekk il-kunsinna ta' l-oġġetti prezzjużi li saret f'Ottubru 1968, kinitx b'titolu ta' depożitu (kif jippretendi l-attur) jew biex tgħaddi għand il-proprjetarja;

Qabel ma tgħaddi biex tqis u taqta' dwar dan il-meritu, il-Qorti sejra l-ewwel tikkunsidra l-eċċezzjonijiet tal-konvenut;

Fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-konvenut qiegħed jilmenta li ċ-ċitazzjoni hija "oskura jekk mhux ukoll nulla" għax ma tirriżultax kawżali speċifika kif irid l-artikolu 156 (1) (a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. (Iċ-ċitazzjoni għandha titlesta mill-attur u għandu jkun fiha: (a) tifsir ċar u sewwa ta' l-oġġett u r-raġuni tat-talba ...). Huwa minnu li l-attur ma jispeċifikax it-titolu li għandu joħloq l-obbligazzjoni tar-radd ta' l-oġġetti pretiżi minnu. Isemmi biss li dawn l-oġġetti kienu kkunsinati minnu lill-konvenut. Il-kunsinna, fiha nnifisha, hija ħaġa newtrali u inkonklussiva, u tista' tkun il-kawża jew il-konsegwenza ta' negozji diversi; tista' eż. tkun il-ħolqien ta'

kuntratt ta' kommodat jew ta' depożitu jew il-konsegwenza ta' kuntratt ta' bejgħ; tista' tkun il-ħolqien ta' obbligazzjoni jew il-ħlas ta' obbligazzjoni. Hija l-intenzjoni tal-partijiet li tagħti t-tifsira legali lill-kunsinna biex minnha joħroġ it-titolu; qiegħed biss jgħid, jew aħjar jimplika, li huwa titolu *li jġib miegħu* l-obbligazzjoni tar-restituzzjoni. Huwa biss mix-xhieda ta' l-attur, mogħtija sussegwentement, li *jirriżulta li t-titolu pretiż* mill-attur huwa ta' depożitu;

Għalkemm kien ikun desiderabbli *li* l-attur *jispeċifika* mill-bidu nett it-titolu pretiż minnu, ma jistax jingħad li baqgħet ma rriżultat ebda kawżali għat-talbiet ta' l-attur. L-attur qiegħed jallega li kien għamel kunsinna li twassal għall-obbligazzjoni ta' restituzzjoni u mix-xhieda tiegħu tirriżulta l-allegazzjoni tiegħu li l-kunsinna saret b'titolu ta' depożitu;

Il-Qorti kkunsidrat li f'materja ta' eċċezzjonijiet ta' *nullità* l-prinċipju applikabbli huwa *ut magis res valeat quam pereat* (ara s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell - Sede Ċivili - fl-4 ta' Novembru, 1991, fil-kawża fl-ismijiet **Guido J. Vella A. & C.E.** ***versus*** **Dr. Emanuel Cefai LL.D.**). Il-Qorti għandha tilqa' eċċezzjoni ta' nullità minħabba fin-nuqqas ta' l-attur li jħares xi formalità (sakemm ma tkunx nullità *li* tirriżulta espressament mil-liġi) biss fil-każijiet *fejn* jirriżulta li l-konvenut isofri preġudizzju irreparabbli minħabba fin-nuqqas ta' l-attur. Il-liġi ma tiddikjarax espressament in-nullità ta' l-att li ma jħarisx l-artikolu 156 (1) (a) u għalhekk huwa applikabbli l-artikolu 789 (1) (ċ) tal-Kap. 12 li jgħid li tista' tingħata eċċezzjoni ta' nullità "jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi ... kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullità preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat". Ma jistax jingħad li f'dan il-każ il-konvenut sofra preġudizzju bħal dan. Fil-fatt wara li l-attur fisser fix-xhieda tiegħu li t-titolu li kellu jwassal għar-restituzzjoni mitluba minnu kien

titolu ta' depożitu, il-konvenut għadda biex ippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri. Jekk fil-bidu l-konvenut sofra xi preġudizzju u ma setax jindirizza l-eċċezzjonijiet tiegħu sew għax ma kienx jaf eżattament fuqhiex kienu mibnija t-talbiet ta' l-attur, dan in-nuqqas fid-difiża tiegħu għamel tajjeb għalih meta ppreżenta eċċezzjonijiet ulterjuri;

Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti biex tikkonkludi li tkun qiegħda tonqos milli tagħmel ġustizzja jekk tilqa' din l-eċċezzjoni u hekk tiċħad it-talbiet ta' l-attur minħabba nuqqas ta' ħarsien ta' formalità li ma wasslet għall-ebda preġudizzju permanenti kontra l-konvenut;

*Għalhekk il-Qorti tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut;*

It-tieni eċċezzjoni u l-ewwel eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut huma dwar it-titolu ta' l-attur biex jippretendi l-ħwejjeġ mitluba minnu;

*Fit-tieni eċċezzjoni l-konvenut qiegħed jgħid li lill-attur jeħtiġlu juri t-titolu tiegħu għal dawn l-oġġetti dwar li fl-*eċċezzjoni ulterjuri qiegħed jgħid li dawn il-ħwejjeġ fil-fatt mhumiex u qatt ma kienu ta' l-attur;

Il-Qorti kkunsidrat li, la darba l-attur qiegħed jippretendi li għandu jieħu lura dawn il-ħwejjeġ għax kien fdahom b'titolu ta' depożitu f'idejn il-konvenut, huwa applikabbli l-artikolu 1909 (1) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) li jgħid espressament li d-depożitarju ma jistax jitlob illi d-depożitant jipprova li hu sid il-ħaġa depożitata;

Naturalment, dan qiegħed jingħad mingħajr preġudizzju *għall-kwistjoni fil-meritu jekk il-kunsinna saritx lill-konvenut* b'titolu ta' depożitu, kif jippretendi l-attur, jew b'titolu ieħor li

ma jimplikax obbligazzjoni ta' restituzzjoni, kif qed jippretendi l-konvenut;

Għalhekk il-Qorti qiegħda tiċħad ukoll it-tieni eċċezzjoni u l-ewwel *eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut;*

Fit-tielet eċċezzjoni tiegħu, il-konvenut qiegħed jitlob li jitħassru l-mandati kawtelatorji maħruġa kontra tiegħu, kif jgħidu l-artikoli 846 (2), 846 (3) u 849 tal-Kap. 12. Din l-eċċezzjoni ma tolqotx il-meritu tal-każ, iżda setgħet validament issir, anke fin-nota ta' eċċezzjonijiet, għax, kif jgħid l-artikolu 846 (3) (applikabbli għall-mandat kawtelatorju ta' qbid u, bis-saħħa ta' l-artikolu 849, anke għal mandat kawtelatorju ta' sekwestru), din it-talba tista' ssir imqar bil-fomm;

Din it-talba, f'dan l-istadju, trid tiddependi fuq l-eżitu *finali tal-kawża u għalhekk il-Qorti sejra tipprovdi dwarha wara* li tkun qatgħet fuq it-talbiet ta' l-attur. Fil-fatt, il-konvenut kien xeħed waqt it-seduta tat-tmienja t' Ottubru, elf disa' mija, tlieta u disgħin (08/10/1993 - fol. 31 tal-proċess), li wara li ddepożita garanzija bankarja b'ċedola kien talab kontro-mandat għas-sekwestru u, wara, għall-impediment tas-safar, u fil-fatt kien anke siefer. Dwar il-mandat ta' qbid kienet li talab is-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni ta' dan il-mandat u din it-talba ntlaqgħet. Madankollu, xorta għadu meħtieġ povvediment dwar din it-talba billi l-effett tal-mandat għadu ma ntemmx għal kollox, billi għadha sseħħ il-garanzija bankarja;

Ir-raba' eċċezzjoni hija dwar it-talba ta' l-attur għall-ħlas ta' imgħaxijiet mid-dat ta' l-ittra uffiċjali. Il-konvenut qiegħed jgħid li ma għandhomx jgħaddu imgħaxijiet għax il-pretensjoni ta' l-attur mhiex għal kreditu likwidu. Naturalment, din l-eċċezzjoni tkun relevanti fil-każ biss li jintlaqgħu t-talbiet ta' l-attur, iżda l-Qorti tista' tgħid minn issa stess li taqbel mas-

sottomissjoni tal-konvenuti kemm għax anke fl-ipotesi li jintlaqgħu t-talbiet ta' l-attur, dan mhux kreditur tal-konvenut għall-ħlas ta' somma likwidata iżda, se mai, għal somma li, jekk ikun il-każ, tiġi likwidata minn din il-Qorti, kif ukoll għax ma ġiet esebita ebda kopja ta' l-ittra uffiċjali u ma saret ebda prova li kienet tassew ippreżentata;

Il-ħames eċċezzjoni, li d-dokument esebit mill-attur maċ-ċitazzjoni għandu jiġi sfilzat għax mhux l-oriġinal, hija ġà eżawrita għax waqt is-seduta tat-tmienja ta' Ottubru, elf disa' mija, tlieta u disgħin (08/10/1993), il-konvenut xehed li għaraf dan id-dokument bħala kopja vera ta' l-oriġinal u għalhekk eżenta lill-attur milli jesebixxi l-oriġinal (fol. 28);

Fadal issa t-tieni eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut li hija tassew l-eċċezzjoni li tolqot il-qalba tat-talbiet ta' l-attur, għax fiha l-konvenut qiegħed jgħid li l-ħwejjeġ prezzjużi pretiżi mill-attur ma ngħatawx lill-konvenut b'titolu ta' depożitu, bl-obbligazzjoni li jintraddu lura, iżda sabiex jingħataw mill-konvenut lil sidhom. Kif ġà ngħad, anke l-konvenut jaqbel li din hija "l-unika vera kontroversja f'din il-kawża" (fol. 113);

Din il-kunsinna mill-attur lill-konvenut saret fil-kuntest ta' kawża bejn l-attur u ommu fl-ismijiet **Evelyn Portelli *versus* Albert Portelli** (Ċitazzjoni 593/67), deċiża fil-ħamsa ta' Frar, elf disa' mija, sitta u sebgħin (05/02/1976). Biex isaħħaħ it-teżi tiegħu li l-kunsinna saret biex l-oġġetti jgħaddihom lil omm l-attur, il-konvenut, li f'dik il-kawża kien l-avukat ta' omm l-attur, semma verbal li sar fl-atti ta' dik il-kawża fis-seduta tal-ħamsa ta' Ottubru, elf disa' mija, tmienja u sittin (05/10/1968), l-istess data ta' l-irċevuta (dok. A). Dan il-verbal (li kopja tiegħu hija esebita a fol. 69 tal-proċess tal-kawża preżenti) jgħid hekk:

"Il-konvenut (l-attur fil-kawża tal-lum) ġieb miegħu kaxxa tal-metall kontenenti oġġetti tad-deheb u ġojjellerija li jgħid li huma dawk imħollijin mill-attriċi f'daru;

Id-difensuri tal-kontendenti jiddikjaraw li dawn ser jiġu kkonsenjati llum lil Dr. R. Farrugia għan-nom ta' l-attriċi kontra riċevuta dettaljata, bla preġudizzju";

Il-konvenut qiegħed jgħid li tassew li hu rċeva l-ħwejjeġ prezzjużi, meritu tal-kawża tal-lum, mingħand l-attur, u ħariġlu l-irċevuta dok. A, iżda din l-irċevuta hija appuntu dik imsemmija fil-verbal u għalhekk il-ħwejjeġ imsemmija fiha ma ngħatawx lill-konvenut bħala depożitu iżda biex jagħtihom lill-omm l-attur. Għal din ir-raġuni, jgħid il-konvenut, ma hemm ebda obbligazzjoni li torbtu jrodd dawn il-ħwejjeġ lill-attur;

L-attur, iżda, qiegħed jgħid li fil-5 ta' Ottubru, 1968, kien hemm żewġ okkażjonijiet fejn hu kkonsenja ħwejjeġ prezzjużi lill-attur. Meta xehed l-ewwel darba fis-seduta tad-dsatax ta' Frar, elf disa' mija, tlieta u disgħin (19/02/1993), l-attur ma qalx speċifikatament li kien hemm żewġ kunsinni fl-istess jum, iżda xehed li, waqt seduta fil-kawża li kellu mal-familja tiegħu, fit-tmintax ta' Mejju, elf disa' mija, tmienja u sittin (18/05/1968), kien wiegħed lill-Qorti li, fis-seduta ta' wara, kellu jġib miegħu fil-Qorti xi oġġetti li kienu ta' ommu. Ġiet esebita kopja tat-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta' l-attur Albert Portelli fis-seduta tat-18 ta' Mejju, 1968 (fol. 63) mnejn jirriżulta li kien xehed hekk:

" ... id-dar tiegħi għandi xi ftit deheb tal-mamà tiegħi li hi kienet ħalliet fuq fil-kamra tagħha ġo kaxxa tal-landa taċ-ċikkulata. Mill-memorja ngħid li hemm xi żewġ pari msielet, xi tlett iċrieket u xi tlett labar. Dan id-deheb jiena ma tlaqtux minn idejja għaliex proprjament mhuwiex tal-mamà waħedha peress

illi kien inxtara waqt iż-żwieġ tagħha, u billi l-papà tiegħi huwa mejjet dan id-deheb għandhom sehem minnu ħuti kollha. Nipprometti li f'seduta oħra nġib lista ta' dan id-deheb u anke nġib miegħi l-Qorti l-kaxxa tad-deheb";

Fis-seduta tad-19 ta' Frar, 1993, quddiem din il-Qorti l-attur kompla jixhed li wara s-seduta tat-18 ta' Mejju, 1968, i.e. wara li kien ġà ntrabat li kien ser iġib fil-Qorti d-deheb li ħalliet warajha ommu, inqala' inċident fejn ħuh Antoine Portelli tah daqqa ta' ponn u waddbu ma' l-art. Kien qabeż għalih il-konvenut Dottor Farrugia u lil Dr. Farrugia l-attur qallu biex lil Antoine jgħidlu "li aħna lanqas tagħna ma għandna bżonn, aħseb u ara ta' ħaddieħor". Meta sema' hekk, Dr. Farrugia wieġeb "allura, *Sur Portelli, għaliex ma ġġibhomx dawn l-oġġetti* la ma għandekx bżonnhom sakemm jispiċċa l-ilment li hemm bejnietkom? L-attur kien wieġeb "Mela le! Ma nsib ebda diffikultà". Għalhekk l-attur intrabat, fl-atti tal-Qorti, li jġibhom miegħu;

Għalhekk, fil-jum meta kellha ssir is-seduta ta' wara, fil-ħamsa ta' Ottubru, elf disa' mija, tmienja u sittin (05/10/1968), *l-attur ikkunsinna l-oġġetti "tiegħu" lill-konvenut. Fl-affidavit li* ppreżenta fit-tnejn u għoxrin ta' Novembru, elf disa' mija, tlieta u disgħin (22/11/1993 - fol. 53 *et seq*), l-attur kompla jagħti aktar dettalji. Qal li din il-kunsinna saret qabel id-disgħa ta' filgħodu (9.00 a.m.), qabel ma bdew jissejjħu l-kawżi, u saret fil-kuridur tal-Qorti. Dak il-ħin stess il-konvenut kiteb l-irċevuta (dok. A);

Wara li saret din l-ewwel kunsinna, issejjħet il-kawża u l-attur, kif kien intrabat li jagħmel fis-seduta ta' qabel, ikkunsinna ukoll id-deheb "ta' ommu". L-attur jgħid li dan id-deheb tah lid-deputat reġistratur ta' l-awla waqt is-seduta u dak il-ħin stess id-deputat reġistratur għaddieh lill-konvenut li għamel riċevuta

f'isem Evelyn Portelli;

L-attur kompla jixhed quddiem din il-Qorti, fis-seduta tad-19 ta' Frar, 1993, li l-kawża l-oħra , li waqt li kienet għaddejja ġraw l-episodji fuq imsemmija, marret *sine die* fl-1990. Kien wara li spiċċat din il-kawża u preċiżament fl-għoxrin ta' Novembru, elf *disa' mija, wieħed u disgħin (30/11/1991), li l*-attur reġa' fetaħ il-kwistjoni ta' dawn l-oġġetti mal-konvenut;

Hawnhekk għandu jingħad li din il-kawża l-attur jirreferi *għaliha* bħala *"l-kawża li jien kelli ma' ħuti" (fol. 19), iżda meta* sarlu l-kontro-eżami qal li "ma nafx jekk fit-tmintax ta' Mejju, 1968, is-seduta quddiem il-Qorti kienet fil-kawża ta' ħuti jew f'tal-mamà tiegħi". Fil-fatt il-kawża kienet dik ta' ommu, fl-ismijiet **Evelyn Portelli *versus* Albert Portelli,** u din il-kawża nqatgħet fil-ħamsa ta' Frar, elf disa' mija u sitta u sebgħin (05/02/1976) u mhux fl-elf, disa' mija u disgħin (1990) kif qal l-attur. L-attur stess qal li ma kienx hemm appell minn din is-sentenza (ara para. 4 ta' l-affidavit ta' l-attur, fol. 57). Għalhekk, ma kienx hemm ir-raġuni li semma' l-attur għala kellu jistenna sa l-1990 biex jitlob lill-konvenut iroddlu dawn il-ħwejjeġ prezzjużi;

Il-kwistjoni quddiem din il-Qorti issa hi din: fil-5 ta' Ottubru, 1968, saret kunsinna waħda jew tnejn? Jekk kien hemm biss kunsinna waħda, ma hemmx dubbju li hija dik ta' l-oġġetti li l-attur kien intrabat li jagħti lill-konvenut sabiex dan jirċevihom f'isem omm l-attur. F'dan *il-każ, il*-konvenut ma rċeviex dawn l-oġġetti bħala depożitarju u ma hemm ebda obbligazzjoni li jroddhom lill-attur. Jekk iżda kien hemm żewġ kunsinni, kif qed jippretendi l-attur, il-konvenut kien irċeva t-*tieni kunsinna b'titolu ta' depożitu u għandu jrodd il-ħwejjeġ* lill-attur, jew jagħmel tajjeb għall-valur tagħhom jekk tilifhom;

Favur it-teżi ta' l-attur hemm dawn il-konsiderazzjonijiet:

Il-fatt li l-attur qiegħed jixhed dwar fatti li jgħid li jiftakarhom, waqt li l-konvenut ma *jiftakar* xejn *mill-każ u l-fatti* li fuqhom qiegħed joqgħod qiegħed pjuttost jargumentahom milli jiftakarhom; iżda ma tkunx xi ħaġa kbira jekk, wara dawn *is-snin* kollha, il-memorja ta' l-attur ma tibqax preċiża. Fil-fatt, l-ewwel darba li xehed l-attur ma deherx li ftakar li kien hemm żewġ *kunsinni*. Dwar l-attendibilità tal-memorja ta' l-attur huwa ukoll relevanti l-fatt li, kif jidher mill-ittra tat-tmienja u għoxrin ta' Mejju, elf *disa' mija, tnejn* u disgħin (28/05/1992) mibgħut mill-avukat tiegħu lill-konvenut (dok. RF04-fol. 37), l-attur ma ftakarx sew *iċ-ċirkostanzi tal-kunsinna* u anzi allega li din saret "in konnessjoni mal-kwistjoni dwar il-wirt ta' omm il-klijent tiegħi (i.e. l-attur) u ħutu - f'dak iż-żmien minnek (i.e. mill-konvenut) patroċinat" meta fil-fatt omm l-attur kienet għadha ħajja meta saret il-kunsinna: il-kunsinna saret fil-ħamsa ta' Ottubru, elf disa' mija, tmienja u sittin (05/10/1968) u omm l-attur mietet fit-tnax ta' Diċembru, elf *disa' mija*, disgħa u *sittin* (*12/12/1969* - ara *l-estratt mill-att* tal-mewt tagħha dok. RF10, fol. 90);

Il-fatt li l-konvenut ma ċaħadx, għax ma jistax jiftakar, li kien hemm żewġ kunsinni flok waħda, dan il-fatt, iżda, huwa biss wieħed negattiv u mhux prova li tassew *saru żewġ* kunsinni;

Il-fatt li meta ntrabat fl-atti tal-Qorti li jġib l-oġġetti "ta' ommu", l-attur qal li "mill-memorja ngħid li hemm xi żewġ pari msielet, xi tlett iċrieket u xi tliet labar", waqt li fl-irċevuta dok. A hemm ħafna aktar oġġetti. Biss il-Qorti tosserva li l-attur kien qed *jitkellem "mill-memorja" u għalhekk din l-osservazzjoni* tiegħu ma tistax titqies bħala suffiċjentement preċiża u speċifika biex tkun konklussiva;

Il-fatt li fuq l-irċevuta, il-konvenut ma kiteb xejn biex juri li kien qed jirċievi l-oġġetti f'isem ħaddieħor, jew biex jikkunsinnahom lil ħaddieħor; dan il-fatt, iżda huwa spjegabbli jekk kien hemm biss kunsinna waħda, għax it-titolu ta' din il-kunsinna kien ġà jirriżulta mill-verbal fl-atti tal-kawża;

Min-naħa l-oħra, favur it-teżi tal-konvenut hemm dawn il-konsiderazzjonijiet:

Il-fatt, tassew stramb, li l-attur li kellu xi jgħid ma' ommu u ma' ħutu, għażel li jagħti lill-avukat ta' dawn, ħwejjeġ li jgħid li huma tiegħu personali u ta' martu u li ma kinux jiffurmaw il-meritu ta' xi kawża pendenti. Ma kien hemm ebda raġuni għala l-attur kellu jiċċaħħad mill-użu ta' dawn il-ħwejjeġ u jibqa' mingħajrhom bla ma jieħu ebda pass biex jintraddu lura għal dawn is-snin kollha. Il-Qorti ma tarax li hu verosimili li l-attur għamel hekk sempliċement biex juri "li aħna lanqas tagħna ma għandna bżonn";

Il-fatt, abbinat ma' l-ewwel wieħed, li l-attur dam kważi erbgħa u għoxrin sena qabel ma vvanta l-pretensjonijiet tiegħu, meta l-kawża kontra ommu kienet ilha li nqatgħet sa mill-elf, disa' mija, sitta u sebgħin (1976);

Il-fatt li l-attur seta' jipproduċi biss riċevuta waħda u mhux tnejn. Jekk iż-żewġ kunsinni saru fl-istess jum, u għat-tnejn ingħatat riċevuta, l-attur kien probabbilment iżommhom it-tnejn flimkien dawn l-irċevuti; ma kienx sejjer iżomm waħda u jitlef l-oħra. Tassew li l-attur qal li l-oġġetti "ta' ommu" ma kinux jinteressawh, iżda ċertament kien jinteressah li jkollu riċevuta għalihom, sabiex ma jerġax ikun mitlub iroddhom darb'oħra. Il-fatt li l-attur seta' jipproduċi biss riċevuta waħda jwassal lill-Qorti biex tikkonkludi li kien hemm biss kunsinna waħda;

Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha flimkien iwasslu lill-Qorti biex tikkonkludi li lill-attur ma seħħlux li juri li barra mill-kunsinna li kienet saret lill-konvenut biex jgħaddi l-ħwejjeġ kunsinnati lil terza persuna, kienet saret kunsinna oħra b'titolu ta' depożitu. Għal din ir-raġuni l-Qorti ma tistax tilqa' t-talbiet ta' l-attur";

L-attur appella minn din is-sentenza. Din il-Qorti jidhrilha utili f'din il-kawża li tirriproduċi l-partijiet saljenti ta' l-aggravju ta' l-appellant minħabba n-natura partikolari tal-meritu u r-relazzjoni li kienet teżisti bejnu u l-appellat li hu qiegħed jadixxi fil-vesti professjonali tiegħu ta' avukat. Il-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti jinkudu ndaġini dettaljata tal-provi prodotti mill-kontendenti illi wassluha għall-konvinċiment li l-attur ma rnexxilux sodisfaċentement jipprova l-premessi għat-talbiet tiegħu:

"L-appellant ma jħossx li l-Ewwel Onorabbli Qorti għarblet sew iċ-ċirkostanzi tal-każ u dan għas-segwenti raġunijiet:

Illi kuntrarjament għal dak li ddikjarat mill-Ewwel Onorabbli Qorti, l-appellant dejjem ftakar li fil-5 ta' Ottubru, 1968 kienu saru żewġ konsenji. Di fatti, fix-xhieda tiegħu tad-19 ta' Frar, 1993, l-esponent kien mingħajr ebda eżitazzjoni stqarr fil-bidu tax-xhieda tiegħu li d-depożitu abbażi ta' liema kien qed jaġixxi permezz tal-kawża odjerna, kien sar:

"Għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu, fil-kuridur tal-Qorti <u>qabel ma bdew is-seduti tal-Qorti</u>";

Tali affermazzjoni tinferixxi kjarament li l-attur kien altru milli ftakar li dakinhar saru żewġ kunsinni separati u distinti u dan peress li l-kunsinna l-oħra (rigwardanti l-oġġetti prezzjużi

appartenenti lil ommu) saret waqt is-seduta tal-5 ta' Ottubru, 1968, fil-kawża fl-ismijiet **Evelyn Portelli** *versus* **Albert Portelli** (Ċitazzjoni 593/67). Di fatti skond il-verbal ta' dik is-seduta jingħad li: "id-difensuri tal-kontendenti jiddikjaraw li dawn ser jiġu kkonsenjati llum lil Dr. R. Farrugia għan-nom ta' l-attriċi kontra riċevuta dettaljata, bla preġudizzju";

*Omissis*;

Illi l-Qorti rrimarkat li b'referenza għal dak li kien iddikjara l-appellant fis-seduta tat-18 ta' Mejju, 1968, dan kien qiegħed jitkellem mill-memorja u li tali dikjarazzjoni ma setgħetx tiġi kkunsidrata bħala preċiża. F'dan ir-rigward hu jirrileva li preċedentement, ċjoè fis-seduta tas-16 ta' Marzu, 1968 hu kien xehed li: "qabel ma l-mamà telqet minghandi fetħet il-gwardarobba, neħħiet id-deheb minn ġol-kaxxa u ħalliet ġo fiha xi ċekċik". Ċertament li l-oġġetti elenkati f'dokument A ma jistgħux jiġu deskritti bħala "ċekċik". Hekk ukoll fix-xhieda mogħtija fit-18 ta' Mejju, 1968 għalkemm verament l-esponent kien qiegħed jixhed mill-memorja, hu ddikjara li "għandi xi ftit deheb tal-mamà tiegħi". Żgur li l-oġġetti elenkati f'dokument A ma jistgħux jiġu kkwalifikati bħala "ftit";

Jingħad ukoll li kif jirriżulta mill-atti proċessali ta' 'l fuq imsemmija kawża, omm l-appellant ma kinitx baqgħet tgħix miegħu minn Lulju, 1967. Ix-xhieda li kien ta l-appellant fejn iddeskriva l-oġġetti li kienet ħalliet warajha ommu, kienet ċirka sena wara u ċjoè meta l-memorja ta' bniedem tkun għadha friska. Fis-seduta tat-18 ta' Mejju, 1968, l-appellant kien iddikjara li ommu kienet ħalliet warajha żewġ pari msielet, tlett iċrieket u xi tliet labar. Dawn l-oġġetti lanqas jammontaw għal nofs dawk li hemm elenkati f'dokument A, li fit-total tagħhom jammontaw għal għoxrin (20) oġġett differenti";

Illi, fir-rigward ta' l-osservazzjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti li kienet taraha stramba li persuna jiċċaħħad mill-proprjetà tiegħu u ta' martu, u li ma kinux jiffurmaw l-meritu ta' xi kawża pendenti, l-appellant jissottometti li hu ta deskrizzjoni dettaljata dwar l-inċident li kien seħħ eżattament wara s-seduta tat-18 ta' Mejju, 1968. Kien l-appellat stess li stieden lill-esponent sabiex iġib anke d-deheb personali tiegħu u dan bħala ġest ta' rieda tajba u jiġu evitati nċidenti simili għal dak li seħħ fit-18 ta' Mejju, 1968 u tiġi kkalmata s-sitwazzjoni. Dan kollu sar peress li l-familjari ta' l-esponent kienu qegħdin javvanzaw allegazzjonijiet gravi kontra l-esponent u ċjoè li hu kien arbitrarjament qabad u ħa d-deheb kollu ta' ommu meta din kienet tgħix miegħu. Tant ma kienx hemm li kif kienet ammettiet omm l-esponent fis-seduta ta' l-għoxrin (20) ta' Jannar, 1968, qabel ma telqet mid-dar ta' l-esponent u martu, hi ħadet magħha oġġetti tad-deheb;

Illi l-fatt li l-esponent ippreżenta riċevuta waħda biss m'għandhiex b'xi mod tippreġudika t-talba tiegħu. F'din l-eventwalità l-istess allura jista' jingħad għall-appellat li jikkontendi li l-oġġetti in kwistjoni kienu ġew minnu kkonsenjati lil Evelyn Portelli u ta' liema qatt ma tressqet prova. Ta' dan ma tressqet l-ebda riċevuta da parti ta' l-appellat;

Illi rigward id-dekors taż-żmien, l-esponent hu tal-fehma li dan il-fatt m'għandux jittieħed konjizzjoni tiegħu favur it-teżi ta' l-appellat. Verament għaddew erbgħa u għoxrin sena, imma bl-istess mod kif argumentat l-Ewwel Qorti, wieħed jista' faċilment jikkontendi li mhux verosimili li wara erba' u għoxrin (24) sena l-esponent tfeġġitlu idea daqstant "brillanti" ta' kif seta' jakkwista u jagħmel profit minn inċident li kien seħħ 24 sena qabel. Irid jiġi ssottolineat ukoll li kien biss wara d-dekors ta' dawn is-snin kollha li l-proċeduri ġudizzjarji kollha li kien hemm pendenti bejn l-esponent u ħutu (wara li ommu kienet mietet fil-mori tal-kawża fl-ismijiet **Evelyn Portelli** ***versus***

**Albert Portelli)** kienu ġew tterminati definittivament";

L-appellant finalment jissottometti illi l-fatt li hu kien ipproduċa riċevuta waħda ma kellux jippreġudika t-talba tiegħu. L-appellat, min-naħa tiegħu, ma kien ippreżenta l-ebda riċevuta ta' l-oġġetti tad-deheb li hu kien qiegħed jippretendi li kien ikkonsenja l-*leave* lil Portelli u dan in sodisfazzjon tad-deheb kollu li hu jaċċetta li kellu f'idejh;

Mill-aggravju fuq riportat għandu jkun abondantement ċar li l-appell hu esklussivament wieħed ta' fatt u ma jinvolvi l-ebda kontestazzjoni dwar xi element ta' dritt ikkunsidrat u deċiż mill-Ewwel Qorti. L-appellant qiegħed in effetti jikkritika l-analiżi li għamlet l-Ewwel Qorti tal-provi prodotti quddiemha u l-apprezzament li hi għamlet ta' dawn il-provi. Hu jittanta jikkonvinċi lil din il-Qorti li l-versjoni tiegħu tal-fatti kienet attendibbli u kellha tiġi aċċettata bħala kredibbli fil-konfront tal-versjoni ta' l-appellat, li hu jagħmel biltu biex jiskredita. L-appellant ma jistax però ma jkunx żvantaġġjat mill-fatt illi hu jeħtieġlu jipprova ċirkostanzi li allegatament ġraw snin kbar qabel ma ġiet ippreżentata ċ-ċitazzjoni u meta wieħed raġonevolment ikun jistenna li dak li jkun attwalment ġara jkun imtappan bl-inċertezza u bid-djufija tal-memorja li fuqha x-xhieda jkun jeħtieġilhom jistrieħu. Infatti, sewwa jingħad illi mill-provi prodotti jidher ċar illi kemm l-attur kif ukoll il-konvenut urew ċerta nkonsistenza fid-deposizzjonijiet tagħhom f'mumenti kruċjali u dwar fatti li wieħed kien jistenna li ma kellux ikun hemm dubbju dwarhom. Inkonsistenza li ma kinitx neċessarjament voluta u kolpuża. Din il-Qorti tqis inoltre li t-teżijiet reċiproċi tal-kontendenti huma ulterjorment imdajfa bil-fatt illi l-provi huma prattikament limitati għad-deposizzjonijiet tagħhom stess bi ftit li xejn korroborazzjoni mill-provi dokumentarji jew xhieda oħra. F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti ta' reviżjoni ma tarax kif tista' tiddisturba l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti u li fuqu hi bbażat il-

konvinċiment tagħha li l-attur ma rnexxilux sodisfaċentement jipprova l-premessi għat-talbiet tiegħu;

Din il-Qorti hi ovvjament fi żvantaġġ fuq l-Ewwel Qorti in kwantu hi ma kellhiex l-opportunità li tisma' lill-kontendenti jiddeponu *viva voce* u ma kellhiex allura l-okkażjoni li tevalwa l-komportament tagħhom meta xehdu u in kontro-eżami kif lanqas ma setgħet hi stess tintervjeni biex tipprova tasal għall-versjoni li kellha titqies li kienet l-aktar attendibbli u kredibbli;

F'sitwazzjoni ta' din ix-xorta hu biss f'każ li minn eżami approfondit tal-provi jirriżulta li teżi waħda kellha manifestament tipprevali fuq oħra, li din il-Qorti kellha tvarja d-deċiżjoni li tkun waslet għaliha l-Ewwel Qorti. M'hemmx għalfejn jingħad illi hu l-attur li kellu l-obbligu li adegwatament jipprova l-premessi tiegħu, almenu fuq bażi ta' probabbiltajiet, kif ukoll li f'każ li jibqa' jippersisti d-dubbju raġonevoli li dan il-grad ta' prova ma kienx irnexxielu jilħqu, tali dubbju kellu jmur favur il-konvenut. Japplikaw il-massimi legali li l-prova *incubit ei qui dicit non ei qui negat*, u li, jekk tali prova ma ssir *actore non probante reus solvitur*;

Issa din il-Qorti ma jidhrilhiex li hu l-każ li f'din is-sentenza tirreġistra l-analiżi li hi stess għamlet tal-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti billi din ma tkunx ħlief ripetizzjoni tal-konsiderazzjonijiet eżawrijenti li għamlet l-Ewwel Qorti biex waslet għall-konklużjoni tagħha. Il-Qorti tikkonfessa li kienet rinfaċċjata bl-istess diffikultà li kienet ovvjament assillat lill-Ewwel Qorti in kwantu, fil-mankanza ta' direzzjoni ċara u univoka, ma kienx possibbli li serenament tiskarta t-teżi waħda favur l-oħra;

Fir-rikors ta' l-appell u fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti l-appellant m'adduċa l-ebda raġuni ta' riljev, la bbażata

fuq kritika tal-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti u lanqas li toħroġ mill-provi prodotti li kienet materjalment u sostanzjalment tikkonvinċi lil din il-Qorti li s-sentenza appellata kienet manifestament inġusta fil-konfront tiegħu u li konsegwentement, dik is-sentenza kellha tiġi revokata;

Fil-verità l-aggravju ta' l-appellant, puntwalment u bi preċiżjoni kkontestat fir-risposta ta' l-appellat, jidher li hu sostanzjalment ripetizzjoni tas-sottomissjonijiet li saru fil-meritu quddiem l-Ewwel Qorti. Fil-konklużjoni tas-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti għamlet eżerċizzju *bilanċjali* ta' dawk *l*-elementi ta' prova li seta' jingħad li kienu in linja di massima jiffavorixxu t-teżi ta' l-attur jew dik tal-konvenut. Eżerċizzju preċiż u korrett li jqajjem kweżiti li bl-ebda mod ma ġew riżolti fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti li baqgħet *konsegwentement rinfaċċjata bl-istess grad ta' dubbju li ġiet* rinfaċċjata bih l-Ewwel Qorti meta ddeċidiet ġustament li l-attur ma kienx irnexxielu jipprova l-premessi tiegħu;

Din il-Qorti finalment tinnota li minn imkien fl-atti ma *jirriżultaw ċirkostanzi li jistgħu b'xi mod jaddebitaw mala fede* lil xi parti in kawża. Tifhem li l-ebda parti mhi motivata b'xi nteress li tiegħu jew iżżomm dak li mhuwiex ta' proprjetà tagħha. Tifhem ukoll li kull parti tibqa' obbligata fil-kuxjenza li trodd dak li mhux tagħha irrispettivament minn kull ġudikat. Mill-banda l-oħra din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, ma tistax ma tiġġudikax *iuxta allegata et probata* skond il-konvinċiment li għalih iwassluha l-provi prodotti;

Għal dawn il-motivi l-appell hu miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata. L-ispejjeż ta' l-Ewwel Qorti għandhom jibqgħu kif deċiżi mill-Ewwel Qorti u dawk ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu ta' l-appellanti.